**BORD LI JIRREGOLA L-KERA**

**MAĠISTRAT DR. JOSEPH GATT LL.D.**

**Rikors Nru: 21/21JG**

**Tyron Zerafa**

**Vs**

**Giovanni Antonino**

**Illum, il-Ġimgħa 25 t'Awwissu 2023;**

**Il-Bord;**

Ra dak li seħħ fis-seduta tal-24 ta' Mejju 2023[1] fejn wara li dawn il-proċeduri ġew mgħajjta tlett darbiet baqa' ma deher ħadt. Wara li l-kawża ġiet posposta u reġgħet ġiet imsejjħa aktar tard, baqa' ma deher ħadt u għalhekk il-Bord, bit-tħaddim ta' dak li jrid l-artikolu 199(1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta[2], ordna li l-kawża titħassar minn fuq il-lista, bi spejjeż għar-rikorrent.

[1] A fol 66 tal-proċess.
[2] Reż applikabbli hawnhekk bis-saħħa ta' dak li jrid l-artikolu 20(1) tal-Kapitolu 69 tal-Liġijiet ta' Malta.

Ra li minn dakinhar sal-lum għaddew aktar minn tliet xhur, u ma ġie mħejji l-ebda att ġudizzjarju ai termini tal-artikolu 199(3) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta mill-partijiet, sabiex jintalab li dawn il-proċeduri jiġu mqiegħda mill-ġdid fuq il-lista tal-kawżi attivi. Iż-żmien imsemmi fl-istess artikolu huwa wieħed perentorju.

Għaldaqstant, wara li ra li għaddew it-tliet xhur inutilment, il-Bord qiegħed jerġa jtenni d-digriet tiegħu tal-24 ta' Mejju 2023 dwar it-tħassir ta' din il-kawża, bi spejjeż għar-rikorrent u filwaqt li jieqaf milli jqis aktar dawn il-proċeduri, jordna lir-Reġistratur sabiex ineħħihom minn fuq il-lista tal-proċeduri attivi.

**Dr Joseph Gatt LL.D.**
Maġistrat

**Annalise Spiteri**
Deputat Reġistratur